Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/0427(COD)

11.9.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza s-sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil
(COM2021/0890 – C9-0474/2021 – 2021/0427(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Patryk Jaki

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza s-sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil (COM2021/0890 – C9-0474/2021 – 2021/0427(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2021)0890),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu xx tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0474/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti tista' tinħoloq meta pajjiż terz jinstiga ***flussi migratorji*** irregolari lejn l-Unjoni billi jinkoraġġixxi jew jiffaċilita b'mod attiv ***il-moviment*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-fruntieri esterni, lejn jew mit-territorju ***tiegħu*** u mbagħad lil hinn minn dawk il-fruntieri esterni, meta tali azzjonijiet huma	(1) Sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti tista' tinħoloq meta pajjiż terz ***jew attur mhux statali*** jinstiga ***migrazzjoni*** irregolari lejn l-Unjoni billi jinkoraġġixxi jew jiffaċilita b'mod attiv***, jew anki jisfurza l-moviment*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni apolidi*** lejn il-fruntieri esterni, lejn jew mit-territorju ***ta' pajjiż terz*** u mbagħad lil

indikattivi ***tal-intenzjoni tal-pajjiż*** terz li jiddestabbilizza l-Unjoni jew Stat Membru, meta n-natura ta' tali azzjonijiet x'aktarx tqiegħed f'riskju l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inklużi l-integrità territorjali tiegħu, iż-żamma ***tal-liġi u l-ordni*** jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu.	hinn minn dawk il-fruntieri esterni ***jew lejn it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar***, meta tali azzjonijiet huma indikattivi ***ta' intenzjoni ta' pajjiż*** terz ***jew attur mhux statali*** li jiddestabbilizza l-Unjoni jew Stat Membru, meta n-natura ta' tali azzjonijiet x'aktarx tqiegħed f'riskju l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inklużi l-integrità territorjali tiegħu, iż-żamma ***tal-ordni pubbliku*** jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu. ***Huwa xieraq li d-definizzjoni legali ta' strumentalizzazzjoni f'dan ir-Regolament tiġi allinjata mad-definizzjoni użata fir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].*** ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).***
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1 a) Jenħtieġ li sitwazzjonijiet li fihom atturi mhux statali jkunu involuti f'kriminalità organizzata, b'mod partikolari l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, ma jitqiesux bħala strumentalizzazzjoni tal-migranti meta ma jkun hemm l-ebda għan li jiġu destabbilizzati l-Unjoni jew Stat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ma jitqiesux bħala sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti fejn ma jkun hemm l-ebda għan li jiġu

destabbilizzati l-Unjoni jew Stat Membru.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament isegwi l-istedina tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021 biex tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni u miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq għat-theddida ibrida f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. Barra minn hekk, ***hija tikkontribwixxi*** għall-istabbiliment ta' qafas komprensiv u permanenti biex l-Istati Membri kkonċernati jiġu mgħammra bl-għodod meħtieġa biex jirrispondu b'mod effettiv u rapidu għal sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-obbligi internazzjonali.	(2) Dan ir-Regolament isegwi l-istedina tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021 biex tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni u miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq għat-theddida ibrida f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. Barra minn hekk, ***jikkontribwixxi*** għall-istabbiliment ta' qafas komprensiv u permanenti biex l-Istati Membri kkonċernati jiġu mgħammra bl-għodod meħtieġa biex jirrispondu b'mod effettiv u rapidu ***f'konformità mal-proċedura stipulata f'dan ir-Regolament*** għal sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Waħda minn dawk l-għodod f'dan ir-Regolament hija l-introduzzjoni ta' proċedura ta' ***ġestjoni ta'*** emerġenza ***tal-migrazzjoni*** u ***l-ażil*** li tipprovdi l-possibbiltà ***lill-Istati*** Membri jirrikorru	(3) Waħda minn dawk l-għodod f'dan ir-Regolament hija l-introduzzjoni ta' proċedura ta' emerġenza ***tal-ażil*** u ***tar-ritorn*** li tipprovdi l-possibbiltà ***li l-Istati*** Membri jirrikorru għal għodod legali biex

għal għodod legali biex jindirizzaw sitwazzjonijiet futuri ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti.

jindirizzaw sitwazzjonijiet futuri ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 4, 7, 24, 18 u 19(2) u (2) tagħha kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951. Sabiex tiġi riflessa, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjoni primarja li trid tingħata għall-aħjar interess tat-tfal, il-ħtieġa li tiġi rispettata l-ħajja tal-familja, u biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-persuni kkonċernati, dan ir-Regolament jipprevedi regoli u salvagwardji speċifiċi li japplikaw fir-rigward tal-minorenni mhux akkompanjati u tal-minorenni u tal-membri tal-familja tagħhom u tal-applikanti li saħħithom tkun titlob appoġġ speċifiku u adegwat. Ir-regoli u l-garanziji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX[19] [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] jenħtieġ li jkomplu japplikaw fir-rigward ta' persuni soġġetti għall-proċedura ta' ***ġestjoni ta'*** emerġenza ***fil-qasam*** tal-ażil, ħlief fejn dan ir-Regolament jipprevedi mod ieħor. Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza][20], inklużi dawk li jikkonċernaw id-detenzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jkomplu japplikaw, mill-mument li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, ħlief fejn dan ir-	(4) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 4, 7, 24, 18 u 19(2) u (2) tagħha kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951. Sabiex tiġi riflessa, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjoni primarja li trid tingħata għall-aħjar interess tat-tfal, il-ħtieġa li tiġi rispettata l-ħajja tal-familja, u biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-persuni kkonċernati, dan ir-Regolament jipprevedi regoli u salvagwardji speċifiċi li japplikaw fir-rigward tal-minorenni mhux akkompanjati u tal-minorenni u tal-membri tal-familja tagħhom u tal-applikanti li saħħithom tkun titlob appoġġ speċifiku u adegwat. Ir-regoli u l-garanziji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX[19] [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] jenħtieġ li jkomplu japplikaw fir-rigward ta' persuni soġġetti għall-proċedura ta' emerġenza tal-ażil, ħlief fejn dan ir-Regolament jipprevedi mod ieħor. Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza][20], inklużi dawk li jikkonċernaw id-detenzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jkomplu japplikaw, mill-mument li ssir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, ħlief fejn dan

Regolament jipprevedi mod ieħor.

---

[19] ĠU C , , p. .

[20] ĠU C , , p. .

ir-Regolament jipprevedi mod ieħor.

---

[19] ĠU C , , p. .

[20] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biex l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni jiġi assistit bil-ġestjoni ordnata tal-flussi, skont il-proċedura ***ta' ġestjoni*** ta' emerġenza tal-ażil, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jiddeċiedi fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi li jinqabdu jew li jinstabu qrib il-fruntiera esterna mal-pajjiż terz li ***strumentalizza*** lill-migranti wara qsim mhux awtorizzat jew li ppreżentaw lilhom infushom f'punti ta' qsim tal-fruntiera, biex jirreġistraw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali biss f'punti ta' reġistrazzjoni speċifiċi magħżula għal dan il-għan li jkunu jinsabu qrib ***dik*** il-fruntiera u li jipprovdu biss il-possibbiltà li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi ppreżentata f'punti speċifiċi li jkunu ntgħażlu għal ***dan l-għan*** u li jkunu faċilment aċċessibbli. Irid jiġi żgurat aċċess effettiv u ġenwin għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951. Għal dan il-għan, l-Istat Membru jenħtieġ li jiżgura li jintgħażlu u jinfetħu biżżejjed punti ta' reġistrazzjoni li jistgħu jinkludu punti ta' qsim tal-fruntiera. L-applikanti jenħtieġ li jiġu infurmati kif	(5) ***F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, ammont akbar ta' każijiet ta' applikazzjonijiet għall-ażil għal protezzjoni internazzjonali jistgħu jsiru fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru, spiss minn persuni maqbuda b'rabta ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna bl-art, bil-baħar jew bl-ajru jew li jiġu żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ.*** Biex l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni jiġi assistit bil-ġestjoni ordnata tal-flussi, skont il-proċedura ta' emerġenza tal-ażil, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jiddeċiedi fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi li jinqabdu jew li jinstabu qrib il-fruntiera esterna mal-pajjiż terz li ***jistrumentalizza*** lill-migranti wara qsim mhux awtorizzat ***bl-art, bil-baħar jew bl-ajru,*** jew li ***jiġu żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, jew li jkunu*** ppreżentaw lilhom infushom f'punti ta' qsim tal-fruntiera, biex jirreġistraw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali biss f'punti ta' reġistrazzjoni speċifiċi magħżula għal dan il-għan li jkunu jinsabu qrib il-fruntiera***,*** u li jipprovdu biss il-possibbiltà ***effettiva*** li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi ppreżentata f'punti speċifiċi li jkunu ntgħażlu għal ***dawn l-***

xieraq dwar il-postijiet fejn tkun se tiġi rreġistrata l-applikazzjoni tagħhom u fejn tkun tista' tiġi ppreżentata.

għanijiet u ***li jenħtieġ*** li jkunu faċilment aċċessibbli. Irid jiġi żgurat aċċess effettiv u ġenwin għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951. Għal dan il-għan, l-Istat Membru jenħtieġ li jiżgura li jintgħażlu u jinfetħu biżżejjed punti ta' reġistrazzjoni li jistgħu jinkludu punti ta' qsim tal-fruntiera. L-applikanti jenħtieġ li jiġu infurmati kif xieraq dwar il-postijiet fejn tkun se tiġi rreġistrata l-applikazzjoni tagħhom u fejn tkun tista' tiġi ppreżentata.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, huwa essenzjali li jiġi evitat id-dħul ta' dawk li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Sabiex jiġi żgurat li l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja tali sitwazzjoni jkollu l-flessibbiltà meħtieġa u jiġi evitat li pajjiż terz ostili jkollu fil-mira tiegħu nazzjonalitajiet speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, jenħtieġ li taħt il-proċedura ta' ***ġestjoni ta'*** emerġenza ***tal-migrazzjoni u*** tal-ażil stabbilita f'dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jieħu deċiżjoni fil-qafas tal-proċedura fil-fruntiera, kif stabbilit fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] dwar l-ammissibbiltà u l-merti tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, li	(6) F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, huwa essenzjali li jiġi evitat id-dħul ta' dawk li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Sabiex jiġi żgurat li l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja tali sitwazzjoni jkollu l-flessibbiltà meħtieġa u jiġi evitat li pajjiż terz ostili jkollu fil-mira tiegħu nazzjonalitajiet speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, jenħtieġ li taħt il-proċedura ta' emerġenza tal-ażil stabbilita f'dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jieħu deċiżjoni fil-qafas tal-proċedura fil-fruntiera, kif stabbilit fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] dwar l-ammissibbiltà u l-merti tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, li jinqabdu jew li jinstabu qrib il-fruntiera

jinqabdu jew li jinstabu qrib il-fruntiera mal-pajjiż terz wara qsim mhux awtorizzat jew li jippreżentaw lilhom infushom f'punti ta' qsim tal-fruntiera. Il-prinċipji u l-garanziji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] iridu jiġu rispettati.

mal-pajjiż terz wara qsim mhux awtorizzat jew li jippreżentaw lilhom infushom f'punti ta' qsim tal-fruntiera. Il-prinċipji u l-garanziji stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] iridu jiġu rispettati.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istat Membru kkonċernat li jirreġistra l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi żmien perjodu estiż ta' erba' ġimgħat. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-perjodu li fih l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jiġu eżaminati fuq il-fruntiera ma jkunx itwal minn 16-il ġimgħa. Jekk id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, inkluża deċiżjoni dwar appell possibbli kontra deċiżjoni negattiva, li jenħtieġ*** li ma ***jkollux effett sospensiv awtomatiku, ma titteħidx fi żmien is-16-il ġimgħa,*** jenħtieġ li ***l-persuna titħalla tidħol fit-territorju, sakemm il-persuna ma tkunx soġġetta għall-proċedura*** ta' ***ritorn. Dawn l-iskedi ta' żmien proċedurali huma maħsuba biex jgħinu lill-Istat Membru kkonċernat jittratta s-sitwazzjoni tal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti. Meta jħabbat wiċċu ma' sitwazzjoni bħal din, l-Istat Membru kkonċernat jeħtieġ li jiddevja riżorsi biex jiġġestixxi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu fil-fruntieri tiegħu jew li jkunu diġà preżenti fit-territorju tiegħu. B'riżultat, f'sitwazzjoni bħal din, l-Istati Membri kkonċernati jista'***	(9) ***Fejn tiġi applikata l-proċedura ta' emerġenza tal-ażil, is-salvagwardji għall-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali u bi bżonnijiet*** ta' ***akkoljenza speċjali, inklużi kundizzjonijiet mediċi***, jenħtieġ li jkunu ***kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet kompetenti. L-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni jenħtieġ għalhekk*** li ma ***japplikax jew*** jenħtieġ li ***jieqaf japplika l-proċedura*** ta' ***emerġenza tal-ażil fejn ikun hemm raġunijiet mediċi*** biex ***ma japplikax il-proċedura fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 41(9)(c) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] jew fejn l-appoġġ meħtieġ ma jkunx jista' jingħata lill-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali f'konformità mal-Artikolu 41(9)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]]. L-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jipprijoritizza l-eżami tal-applikazzjonijiet*** minn ***persuni bi bżonnijiet proċedurali speċjali f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]*** u ***bi bżonnijiet*** ta' ***akkoljenza speċjali kif definit fl-***

jkollhom bżonn iż-żmien biex jirriorganizzaw ir-riżorsi tagħhom u jżidu l-kapaċità tagħhom, inkluż bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE. Barra minn ***hekk, l-għadd ta' applikanti taħt il-proċedura fil-fruntiera se jkun ogħla milli f'ċirkostanzi normali,*** u ***għalhekk l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja s-sitwazzjoni*** ta' ***strumentalizzazzjoni tal-migranti jista' jkollu bżonn aktar żmien biex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet mingħajr ma jippermetti d-dħul fit-territorju. Madankollu***, ***l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jipprijoritizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-każijiet b'bażi soda u tal-minorenni*** mhux akkumpanjati ***u tal-minorenni*** u l-membri tal-familja tagħhom.

[Artikolu 2(13) tad-Direttiva XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza], ***speċjalment il-minorenni*** mhux akkumpanjati***, il-minorenni,*** u l-membri tal-familja tagħhom.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Kull att vjolenti fuq il-fruntiera jrid jiġi evitat akkost ta' kollox, mhux biss biex jiġu protetti l-integrità territorjali u s-sigurtà tal-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja s-sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni iżda wkoll biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tal-persuni apolidi, inklużi tal-familji u tat-tfal li jkunu qed jistennew l-opportunità tagħhom biex japplikaw għall-ażil fl-Unjoni b'mod paċifiku. Meta l-Istat Membru kkonċernat jiġi kkonfrontat fuq il-fruntieri esterni tiegħu b'azzjonijiet vjolenti, inkluż fil-kuntest ta' tentattivi minn ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jisfurzaw id-dħul f'daqqa u bl-użu ta' mezzi vjolenti ***sproporzjonati***, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat ***jkun*** jista' jieħu l-miżuri meħtieġa f'konformità	(10) Kull att vjolenti fuq il-fruntiera jrid jiġi evitat akkost ta' kollox, mhux biss biex jiġu protetti l-integrità territorjali u s-sigurtà tal-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja s-sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni iżda wkoll biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tal-persuni apolidi, inklużi tal-familji u tat-tfal li jkunu qed jistennew l-opportunità tagħhom biex japplikaw għall-ażil fl-Unjoni b'mod paċifiku. Meta l-Istat Membru kkonċernat jiġi kkonfrontat fuq il-fruntieri esterni tiegħu b'azzjonijiet vjolenti, inkluż fil-kuntest ta' tentattivi minn ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jisfurzaw id-dħul f'daqqa u bl-użu ta' mezzi vjolenti, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat ***ikun*** jista' jieħu l-miżuri meħtieġa ***u proporzjonati***

mal-liġi nazzjonali tiegħu biex jippreserva s-sigurtà, ***il-liġi u l-ordni***, u jiżgura l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.	f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu biex jippreserva s-sigurtà, ***l-ordni pubbliku***, u jiżgura l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tiġi kkomplementata u żgurata koerenza sħiħa mal-proċedura ***ta' ġestjoni ta' emerġenza*** tal-ażil ***fil-fruntiera esterna***, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex iwettqu proċeduri ***ta' ritorn,*** wara ***l-applikazzjoni ta' proċedura ta' ġestjoni ta' emerġenza*** tal-ażil***. Għal din ir-raġuni***, ***f'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jitħalla jidderoga mill-applikazzjoni tad-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]22*** fir-rigward ta' ***ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li l-applikazzjoni tagħhom għal*** protezzjoni internazzjonali ***tkun ġiet miċħuda fil-kuntest*** ta' ***proċedura ta' ġestjoni ta' emerġenza tal-ażil kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Meta ssir applikazzjoni sussegwenti sempliċiment biex jiġi ttardjat jew imfixkel ir-ritorn***, ***huwa possibbli għall-Istati Membri*** li ***japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 42 u 43*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Aż̀il]***. Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà*** li ***l-Istati Membri jidderogaw mill-applikazzjoni*** tad-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-	(12) Sabiex tiġi kkomplementata u żgurata koerenza sħiħa mal-proċedura tal-ażil, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex iwettqu proċeduri ***tar-ritorn*** wara ***l-proċedura*** tal-ażil, ***fejn l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata*** fir-rigward ta' ***proċedura li tkun intemmet mingħajr ma tkun ingħatat*** protezzjoni internazzjonali***. Għal din ir-raġuni, f'sitwazzjoni*** ta' ***strumentalizzazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' riammissjoni eżistenti bejn l-Unjoni u pajjiż terz***, ***l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ*** li ***jitħalla jidderoga mill-applikazzjoni tal-Artikolu 41a*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Aż̀il]***, id-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn], u minflok japplika l-liġi nazzjonali filwaqt*** li ***japplika mutatis mutandis l-Artikolu 4(4)*** tad-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]***. L-Artikolu 4***(***4***) ta' dik id-Direttiva ***fih garanziji fundamentali li għandhom jiġu rispettati wkoll f'dawn il-każijiet. Meta ssir applikazzjoni sussegwenti sempliċiment biex jiġi ttardjat*** jew ***imfixkel ir-ritorn, huwa possibbli għall-Istati Membri li japplikaw ir-regoli***

Direttiva dwar ir-Ritorn] ***bis-saħħa tal-Artikolu 2(2)(a)*** ta' dik id-Direttiva***, fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew persuni apolidi maqbuda b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar*** jew ***bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn f'dak l-Istat Membru***.	***stabbiliti fl-[Artikoli 42 u 43 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]]***.
[22] ĠU C , , p. .	[22] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, huwa partikolarment importanti li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni sekondarja irregolari filwaqt li, fl-istess ħin, jingħata appoġġ sħiħ lil Stat Membru wieħed jew aktar li jkunu qed jiffaċċjaw il-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala konsegwenza ta' tali sitwazzjoni. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jaffettwax it-twettiq tar-responsabbiltajiet obbligatorji għall-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Jekk l-applikazzjoni tad-derogi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament tintalab mill-Istat Membru kkonċernat, u ***b'kont meħud ta'*** jekk il-Kunsill Ewropew irrikonoxxiex li l-Unjoni jew Stat Membru wieħed jew aktar tagħha jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, ***il-Kummissjoni*** jenħtieġ li***, fejn xieraq, tressaq proposta*** li tawtorizza ***lill-Istat*** Membru japplika ***r-regoli derogatorji*** previsti ***f'dan*** ir-Regolament. ***Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' skrutinju politiku u appoġġ u biex tissaħħaħ l-espressjoni tas-solidarjetà tal-Unjoni lejn l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, jenħtieġ*** li ***jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill***. ***Għalhekk, id-Deċiżjoni*** ta' ***Implimentazzjoni li tawtorizza lill-Istati Membri japplikaw regoli derogatorji*** jenħtieġ li ***tiġi adottata mill-Kunsill***.	(18) Jekk l-applikazzjoni tad-derogi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament tintalab mill-Istat Membru kkonċernat, ***abbażi ta' evidenza li turi l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tressaq proposta li tawtorizza lil Stat Membru japplika d-derogi previsti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' wkoll tagħmel tali proposta fejn tqis li dan ikun xieraq abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru rikjedenti. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' skrutinju*** u ***appoġġ politiku, u bħala espressjoni tas-solidarjetà tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jittieħed kont*** jekk il-Kunsill Ewropew irrikonoxxiex li l-Unjoni jew Stat Membru wieħed jew aktar tagħha jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti***. L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti tista' tqiegħed f'riskju l-funzjonijiet essenzjali ta' Stat Membru***, ***inkluż iż-żamma tal-ordni pubbliku jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu. Għaldaqstant,*** jenħtieġ li ***l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** li tawtorizza ***lil Stat*** Membru japplika ***d-derogi*** previsti ***minn dan*** ir-Regolament. ***Jenħtieġ ukoll li l-Kunsill jingħata s-setgħa li jħassar, jew jestendi sa massimu ta' 6 xhur, l-applikazzjoni tad-derogi previsti f'dan ir-Regolament abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni skont jekk iċ-ċirkostanzi*** li ***jiġġustifikaw l-introduzzjoni tad-derogi jippersistux jew ikunux intemmu***. ***Huwa possibbli li deċiżjoni*** ta' ***estensjoni tinkludi emenda tad-derogi applikati. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom u fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Kunsill jiżguraw f'kull ħin li l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi rispettat.***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Jenħtieġ li deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tkun meħtieġa biss f'każijiet speċifiċi, b'mod partikolari meta l-istrumentalizzazzjoni tikkostitwixxi sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn migrazzjoni irregolari instigata lejn l-Unjoni, u meta n-natura tagħha, jew flimkien ma' attakki ibridi oħra, tista' toħloq riskju għall-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inklużi l-integrità territorjali tiegħu, iż-żamma tal-ordni pubbliku jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, jew meta l-istrumentalizzazzjoni tikkostitwixxi sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn żieda sinifikanti mhux mistennija fil-volum ta' każijiet tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-fruntiera esterna.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tinkludi awtorizzazzjoni tad-derogi speċifiċi li l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti jista' japplika, u tistabbilixxi d-data minn meta jenħtieġ li japplikaw, kif ukoll it-tul ta' żmien tagħhom.	(19) Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tinkludi awtorizzazzjoni tad-derogi speċifiċi li l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti jista' japplika, u tistabbilixxi d-data minn meta jenħtieġ li japplikaw, kif ukoll it-tul ta' żmien tagħhom. ***Barra minn hekk, dik id-deċiżjoni jenħtieġ li tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u l-***

kamp ta' applikazzjoni personali tad-derogi.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi appoġġat l-Istat Membru kkonċernat fl-għoti tal-assistenza meħtieġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu ***fl-ambitu*** ta' dan ir-Regolament, inkluż bil-promozzjoni ta' attivitajiet ***ta' ritorn*** volontarju jew billi jwettqu d-dmirijiet umanitarji tagħhom, l-aġenziji tan-NU u organizzazzjonijiet sħab rilevanti oħra, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni u l-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, jenħtieġ li jkollhom aċċess effettiv għall-fruntiera skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ***il-Proċeduri tal-Ażil]. Skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar*** il-Proċedura tal-Ażil]***,*** il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jenħtieġ li jingħata aċċess għall-applikanti, inklużi dawk fuq il-fruntiera. Għal dan ***l-iskop***, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li ***jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji tan-NU u mal-organizzazzjonijiet sħab rilevanti***.	(20) Sabiex jiġi appoġġat l-Istat Membru kkonċernat fl-għoti tal-assistenza meħtieġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni apolidi*** li jaqgħu ***fil-kamp ta' applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, inkluż bil-promozzjoni ta' attivitajiet ***tar-ritorn*** volontarju jew billi jwettqu d-dmirijiet umanitarji tagħhom, l-aġenziji tan-NU***, b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati,*** u organizzazzjonijiet sħab rilevanti oħra ***fdati b'kompiti speċifiċi mill-Istati Membri***, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni u l-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, jenħtieġ li jkollhom aċċess effettiv għall-fruntiera skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]**.** il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jenħtieġ li jingħata aċċess għall-applikanti, inklużi dawk fuq il-fruntiera. Għal dan ***il-għan***, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li ***jżomm kooperazzjoni ma' dawn l-organizzazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw minn dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], id-Direttiva (UE) XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza] u d-Direttiva (UE) XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] li jistgħu jiġu applikati minn Stat Membru f'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***ta' migranti*** kif definit ***fl-[Artikolu 2(27)] tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fejn meħtieġ b'rispons*** għal sitwazzjoni bħal din. Jipprevedi wkoll regoli speċifiċi dwar miżuri ta' appoġġ u solidarjetà li jistgħu jittieħdu f'sitwazzjoni bħal din.	***1.*** Dan ir-Regolament jipprevedi regoli speċifiċi li jidderogaw ***b'mod eċċezzjonali*** minn dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], id-Direttiva (UE) XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza] u d-Direttiva (UE) XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] li jistgħu jiġu applikati minn Stat Membru f'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni kif definit ***fil-paragrafu 1a fejn ikun meħtieġ u proporzjonat biex jingħata rispons*** għal sitwazzjoni bħal din. Jipprevedi wkoll regoli speċifiċi dwar miżuri ta' appoġġ u solidarjetà li jistgħu jittieħdu f'sitwazzjoni bħal din.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1a. Sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti tfisser sitwazzjoni li fiha pajjiż terz jew attur mhux statali jinkoraġġixxi jew jiffaċilita l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi lejn il-fruntieri esterni, kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2016/0399, jew lejn Stat Membru, bl-għan li jiddestabbilizza lill-Unjoni jew Stat Membru fejn tali azzjonijiet jistgħu jqiegħdu f'riskju l-funzjonijiet essenzjali ta' Stat Membru inkluż iż-żamma tal-**

ordni pubbliku jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***tal-migranti kif imsemmi fl-Artikolu 1***, l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja l-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ***fil-fruntieri esterni tiegħu bħala konsegwenza ta' sitwazzjoni bħal din jista' japplika, fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi*** li jinqabdu jew jinstabu qrib il-fruntiera esterna ***mal-pajjiż terz strumentalizzanti*** b'rabta ma' qsim mhux awtorizzat jew li jkunu ppreżentaw ruħhom f'punti ta' qsim tal-fruntiera, ***deroga*** waħda jew aktar ***minn dawn*** li ġejjin***, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6***:	1. F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, l-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja l-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ***li jkunu soġġetti għal strumentalizzazzjoni u*** li ***jew*** jinqabdu jew jinstabu qrib il-fruntiera esterna***,*** b'rabta ma' qsim mhux awtorizzat ***bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, li jiġu żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ*** jew li jkunu ppreżentaw ruħhom f'punti ta' qsim tal-fruntiera, ***jistgħu japplikaw*** waħda jew aktar ***mid-derogi*** li ġejjin ***fir-rigward ta' dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi***:

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta japplika din id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprijoritizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet ***li x'aktarx ikollhom bażi soda*** u dawk tal-minorenni mhux akkumpanjati u tal-minorenni u l-membri tal-familja tagħhom.	Meta japplika din id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprijoritizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet ***ta' persuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali kif definit fir-[riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza]*** u dawk tal-minorenni mhux

akkumpanjati u tal-minorenni u l-membri tal-familja tagħhom. ***L-Istat Membru kkonċernat jista' wkoll jipprijoritizza r-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet li x'aktarx ikollhom bażi soda.***

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) b'deroga ***mill-Artikolu*** 41(2)(a) u (b) ***u*** l-Artikolu 41(5) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura ***tal-Ażl emendat]***, ***jiddeċiedi fil-fruntieri tiegħu*** jew ***fiż-żoni*** ta' tranżitu dwar l-ammissibbiltà u dwar il-merti tal-applikazzjonijiet kollha rreġistrati fil-perjodu li matulu jkun applikat dan il-punt.	(b) b'deroga ***mill-[Artikolu*** 41(2)(a) u (b)***,*** l-Artikolu 41(5) ***u l-Artikolu 41(9)(a)*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura ***tal-Ażil], u f'konformità mal-Artikolu 41(13) u (14) ta' dak ir-Regolament, jiddeċiedi fil-postijiet tal-fruntiera esterna***, ***qrib il-fruntiera esterna*** jew ***f'żoni*** ta' tranżitu***, jew jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawk il-postijiet, f'postijiet magħżula oħra fit-territorju tiegħu,*** dwar l-ammissibbiltà u dwar il-merti tal-applikazzjonijiet kollha ***li jkunu saru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida*** rreġistrati fil-perjodu li matulu jkun applikat dan il-punt.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta japplika din id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprijoritizza l-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ***li x'aktarx***	Meta japplika din id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprijoritizza l-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ***ppreżentati***

ikunu fondati sew u dawk ***ppreżentati minn*** minorenni mhux akkumpanjati u ***minn*** minorenni u l-membri tal-familja tagħhom.	***minn persuni bi bżonnijiet proċedurali speċjali jew bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali kif definit fir-[riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza u fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]*** u dawk ***ta'*** minorenni mhux akkumpanjati u minorenni u l-membri tal-familja tagħhom. ***L-Istat Membru kkonċernat jista' wkoll jipprijoritizza l-eżami ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li x'aktarx ikollhom bażi soda.***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) b'deroga ***mill-Artikolu*** 41(11) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], it-tul ***massimu*** tal-proċedura ta' ***ġestjoni ta'*** emerġenza tal-ażil ***għall-eżaminazzjoni*** ta' applikazzjonijiet reġistrati fil-perjodu li matulu ***jkun applikat dan*** il-punt għandu jkun ***ta' 16-il ġimgħa. Wara dak il-perjodu, dment li l-applikant*** ma ***jkunx soġġett għall-proċedura ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 4***, ***l-applikant*** għandu ***jiġi awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru għat-tlestija tal-proċedura għal protezzjoni internazzjonali***.	(c) b'deroga ***mill-[Artikolu*** 41(11) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], it-tul tal-proċedura ta' emerġenza tal-ażil ***għall-eżami*** ta' applikazzjonijiet reġistrati fil-perjodu li matulu ***hija applikata d-deroga prevista f'dan*** il-punt għandu jkun ***qasir kemm jista' jkun u*** ma ***għandux jaqbeż għoxrin ġimgħa, inkluż l-appell***, ***u*** għandu ***jibda mid-data tar-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) b'deroga mill-[Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]], l-intervista personali tista' titħalla barra wkoll fejn l-awtorità determinanti tkun tista' tieħu deċiżjoni pożittiva dwar l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja abbażi tal-evidenza disponibbli.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti, u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6, l-Istat Membru ffaċċjat bil-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ***fil-fruntieri esterni*** tiegħu ***b'konsegwenza ta' sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti jista', fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** jew ***tal-persuni apolidi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' dħul u*** li ***l-applikazzjonijiet tagħhom ġew irrifjutati fil-kuntest tal-proċedura*** ta' ***ġestjoni*** ta' ***emerġenza tal-ażil fil-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 2(1) il-punti (b) u (c),*** u li ma għandhomx id-dritt jibqgħu u li mhumiex ***permissi*** jibqgħu***, jiddeċiedi li ma japplikax 41a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u d-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Meta jirrikorri għal din id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat għandu:***	***L-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni*** bil-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ***fil-fruntiera esterna*** tiegħu ***jista' jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil],*** jew ***[ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn], u minflok japplika l-liġi nazzjonali, filwaqt*** li ***japplika mutatis mutandis l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn], fir-rigward*** ta' ***dawk iċ-ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi jew persuni apolidi li huma soġġetti għall-istrumentalizzazzjoni u li jew jinqabdu, jew jinstabu qrib il-fruntiera esterna, jew ikunu ppreżentaw ruħhom fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u li applikaw għall-protezzjoni internazzjonali,*** u ***li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew sussegwentement miċħuda*** u li ma għandhomx id-dritt jibqgħu u li mhumiex ***permessi*** jibqgħu.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***tal-migranti***, huwa jista' jitlob miżuri ta' appoġġ u solidarjetà minn Stati Membri oħra sabiex jiġġestixxi dik is-sitwazzjoni***. *Il-kontribuzzjonijiet*** ta' appoġġ u solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***tal-migranti*** jistgħu jinkludu t-tipi ta' kontribuzzjonijiet li ġejjin:	1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, huwa jista' jitlob miżuri ta' appoġġ u solidarjetà minn Stati Membri oħra sabiex jiġġestixxi dik is-sitwazzjoni ***u jindika n-natura tal-miżuri*** ta' appoġġ u solidarjetà ***meħtieġa. L-appoġġ mill-Istati Membri l-oħra u l-kontributi ta' solidarjetà*** għall-benefiċċju ta' Stat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***huma volontarji u*** jistgħu jinkludu t-tipi ta' kontribuzzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru li jiffaċċja ***l-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi fil-fruntieri esterni tiegħu bħala konsegwenza ta'*** sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***tal-migranti, jista'*** jitlob l-awtorizzazzjoni biex japplika d-derogi previsti fl-Artikoli 2, 3 ***u*** 4.	1. Stat Membru li jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***jista', minħabba dik is-sitwazzjoni,*** jitlob l-awtorizzazzjoni biex japplika d-derogi previsti fl-Artikoli 2, 3 ***jew*** 4.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn ***il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat*** Membru rikjedenti li ***jkun qed jiffaċċja*** sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***tal-migranti***, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tagħmel proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3.	2. Fejn ***l-Istat*** Membru rikjedenti ***jippreżenta lill-Kummissjoni evidenza*** li ***turi l-eżistenza ta'*** sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha, ***abbażi ta' dik l-evidenza u*** mingħajr dewmien, tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3. ***Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħmel tali proposta fejn tqis li dan ikun xieraq abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru rikjedenti u abbażi ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għaliha.***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kunsill għandu jivvaluta ***din il-proposta bħala kwistjoni*** ta' ***urġenza u*** jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika d-derogi speċifiċi previsti fl-Artikoli 2, 3 ***u*** 4.	3. ***Bħala kwistjoni ta' urġenza,*** il-Kunsill għandu jivvaluta ***l-proposta u, skont l-eżitu*** ta' ***tali valutazzjoni,*** jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika d-derogi speċifiċi previsti fl-Artikoli 2, 3 ***jew*** 4.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3 għandha tistabbilixxi d-data minn meta jistgħu jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 ***u*** 4, kif ukoll il-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni tagħhom, li ma għandux jaqbeż perjodu inizjali ta' sitt xhur.	4. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3 għandha tistabbilixxi ***r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata, u għandha tistabbilixxi*** d-data minn meta jistgħu jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 ***jew*** 4, kif ukoll il-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni tagħhom, li ma għandux jaqbeż perjodu inizjali ta' sitt xhur***, u għandha tispeċifika ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni apolidi soġġetti għall-istrumentalizzazzjoni***.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni ***għandha żżomm is-sitwazzjoni tal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti*** taħt monitoraġġ u rieżami kostanti. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, hija tista' tipproponi t-tħassir tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3 jew l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġdida li tawtorizza l-estensjoni ***tal-applikazzjoni tad-derogi*** speċifiċi msemmija fl-Artikoli 2, 3 ***u*** 4 għal perjodu***,*** li ma għandux jaqbeż ***is-sitt*** xhur. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni speċifika meħtieġa biex twettaq dan ir-rieżami u biex tagħmel il-proposta għat-tħassir jew l-estensjoni kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Kummissjoni tista' titlob.	5. Il-Kummissjoni ***u l-Kunsill għandhom iżommu s-sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni*** taħt monitoraġġ u rieżami kostanti. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun xieraq ***abbażi tal-informazzjoni rilevanti***, hija tista' tipproponi t-tħassir tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 3 jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ġdida li tawtorizza ***l-emenda tad-derogi speċifiċi msemmija fl-Artikoli 2, 3 jew 4, jew*** l-estensjoni ***tagħhom għal perjodu li ma għandux jaqbeż perjodu addizzjonali ta' sitt xhur. Meta l-Istat Membru rikjedenti jippreżenta evidenza lill-Kummissjoni li turi t-tkomplija tal-eżistenza tal-istrumentalizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' tali evidenza, tippreżenta proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ġdida biex temenda jew testendi d-derogi*** speċifiċi msemmija fl-Artikoli 2, 3 ***jew*** 4

għal perjodu li ma għandux jaqbeż ***perjodu addizzjonali ta' sitt*** xhur. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni speċifika meħtieġa biex twettaq dan ir-rieżami u biex tagħmel il-proposta għat-tħassir jew l-estensjoni kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Kummissjoni tista' titlob.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom ikomplu, għall-perjodu massimu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 2, japplikaw id-derogi proċedurali stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li hija msemmija fil-paragrafu 3 fir-rigward ta' dawk l-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali ġew reġistrati fil-perjodu li fih ikunu jistgħu jiġu applikati dawk id-derogi, sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tagħhom jew sakemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi kkonċernati jiġu ritornati f'konformità mal-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Fit-tħaddim tas-setgħat tagħhom u

fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jiżguraw f'kull ħin li l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi rispettat.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni ***tal-migranti*** għandu ***jiżgura*** kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u ***mal-organizzazzjonijiet*** sħab rilevanti ***biex jiddetermina l-modalitajiet għall-appoġġ lill-applikanti fis-sitwazzjoni tal-istrumentalizzazzjoni*** f'konformità ***mar-regoli stabbiliti f'dan*** il-Kapitolu u ***fir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u d-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza].	2. L-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' strumentalizzazzjoni għandu ***jżomm*** kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u ***ma' organizzazzjonijiet*** sħab rilevanti ***oħra fdati mill-Istat Membru b'kompiti speċifiċi*** f'konformità ***ma' dan*** il-Kapitolu u ***r-Regolament*** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u d-Direttiva XXX/XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza].

Or. en